**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2019**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 224/2016**

**Union Haddiema Maghqudin f'isem**
**Clayton Tabone, Nikita Scerri, Roberto Formosa,u Sharon Grima u**
**l-istess Clayton Tabone, Nikita Scerri, Roberto Formosa,u Sharon Grima**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u**
**l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-21 ta' Marzu, 2016 li jghid hekk:

i. Illi r-rikorrenti Clayton Tabone, Nikita Scerri, Roberto Formosa u Sharon Debono, ilkoll ufficjali pubblici u membri tal-Union Haddiema Maghqudin ippartecipaw fi process ta' ghazla ghall-pozizzjoni ta' "Debt Collector" fi hdan l-Ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxi ai termini ta' Cirkolari No. 4/2015 mahruga rnill-ufficcju msemmi nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015), liema cirkolari qieghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok UHM1".

ii. Illi l-imsemmija sejha harget ai termini tal-Klawzola 3.1.(I) tal-ftehim kollettiv vigenti. IIli skont ic-cirkolari surreferita, s-sejha ghall-applikazzjonijiet kienet tinkludi l-Ufficjali Pubblici fis-servizz civili:
"Public Officers in the Malta Public Service who are on secondment/on loan with/deployed with/on attachment to Public Sector Organisation may also apply."

iii. Illi r-rikorrenti msemmija fl-ewwel paragrafu applikaw ghall-pozizzjoni u gew intervisti minn Bord ta' ghaz!a kostitwit minn tliet ufficjali pubblici li jahdmu fid-Dipartiment tat-Taxxi. Fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena 2015 gew ippubblikati l-

ismijiet tal-intervistati li kienu ghaddew u ntaghzlu ghall-pozizzjoni ta' Debt Collector. Ir-rikorrenti kollha msemmija fl-ewwel paragrafu ghaddew u ntaghzlu ghall-pozizzjoni msemmija.

iv. Illi in segwitu ghall-pubblikazzjoni tar-rizultati fit-tnax (12) ta' Novembru 2015 thassru r-rizultati u nhatar bord ta' ghazla gdid sabiex jintervista mill-gdid lil kull applikant.

v. Illi b'risposta ghal-talba intavolati mill-esponenti Union Haddiema Maghqudin sabiex tinghata spjegazzjoni ghall-irtirar tar-rizultati fit-tnax (12) ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku permezz ta' korrispondenza elettronika datata tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), liema korrispondenza qieghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok UHM2", ikkomunika li:
"B'referenza ghall-korrispondenza mibghuta minnek dwar il-process tal-ghazla ghall-pozizzjoni ta' Debt Collector fl-Ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-Ministeru tal-Finanzi. ngharrfek li l-process gie kkanceltat wara li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku innotat li l-proceduri stabbiliti fit-twaqqif tal-Bord tal-Ghazla ma gewx osservati.
Ghal dan il-ghan, il-Kummissjoni tat struzzjonijiet sabiex dawk kollha li kienu applikaw jigu intervistati mill-gdid minn Bord iehor."

vi. Illi l-intimata Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku baqghet qatt ma tat spjegazzjoni dwar id-difett fil-proceduri tal-hatra tal-Bord ta' ghazla u minflok qabdet u ikkancellat ir-rizultati u beda l-process mill-gdid.

vii. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihassru kwalunkwe process gdid u jirrintegraw ir-rizultati ippublikati fit-3 ta' Settembru 2015, l-intimati baqghu inadempjenti.

viii. Illi proprju minhabba l-pregudizzji gravi li soffrew u li kienu qed jibzghu li jkomplu jsofru, l-esponenti sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom fit-2 ta' Frar tas-sena 2016 l-esponenti kienu kostretti jintavolaw rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 147/2016/JZM fl-ismijiet "Union Haddiema Maghqudin et vs Kummissarju tat-Taxxi u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku".

ix. Illi permezz ta' digriet moghti fit-3 ta' Marzu 2016 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

x. Illi waqt is-smigh tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, l-pozizzjoni tal-intimati kienet li wara li saru l-intervisti tal-applikanti u hareg ir-rizultat, applikant minnhom ressaq petizzjoni fejn ikkontesta r-rizultat u waqt skrutinju tal-kaz mill-bidu, il-Kummissjoni sabet illi l-bord tal-ghazla ma kienx kostitwit skont id-direttivi u linji gwida stabbiliti mis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru fl-2013. Minkejja li saret referenza ghal tali direttiva, rapprezentanti tal-Kummissjoni intimata ddikjarat li d-direttiva ma kienitx bil-miktub.

xi. Illi in oltre l-intimati jsostnu li l-bord kellu jkun maghmul minn ufficjal pubbliku wiehed maghzul mid-Dipartiment jew Ministeru koncernat u tnejn ohra li jaghmlu parti minn standing selection panel li skont l-intimati kellu jkun kompost minn persuni li mhumiex impjegati fis-servizz civili u anke nies irtirati li wara sejha kienu wrew l-

interess li jaghmlu parti minn dan il-panel. Illi ghal kuntrarju ghal dak allegat u kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri r-Regolament 14(3) tal-Avviz Legali 32 tal-1960, kif l-ahhar emendat bl-Avviz Legali 246 tal-2012, jaghmilha cara kristall illi fir-rakkommandazzjonijiet ghall-appuntar jew promozzjonijiet ta' ufficjal fis-servizz pubbliku, il-Kummissjoni tista' tfittex il-parir ta' bord ta' ghazla kompost mill-Kap tad-Dipartiment, li jista' jappunta ufficjali pubblici kompetenti u xieraq u/jew persuni mnizzla fl-Standing Selection Panel tal-ministeru rilevanti. Il-kliem "u/jew" juru bic-car illi l-Kap tad-Direttur kellu ghazla bejn jappunta bord tal-ghazla hekk kif appuntat fil-kaz odjern jew jaghzel mil-lista ta' persuni appuntati fl-Standing Selection Panel.

xii. Illi ghaldaqstant huwa car u manifest illi l-Bord kif kompost fl-ewwel istanza li wasal ghar-rizultat ippubblikat fit-3 ta' Settembru 2015 kien kompost skont ir-Regolamenti vigenti dak iz-zmien u ghalhekk it-thassir tar-rizultat sar b'mod abbuziv u bi pregudizzju gravi ghall-esponenti.

xiii. Illi in vista tat-thassir tar-rizultat u mankati promozzjoni l-esponenti Clayton Tabone, Nikita Scerri, Roberto Formosa u Sharon Debono qed isoffru pregudizzju gravi rapprezentanti f'telf ta' qliegh, kif ukoll dannu ghall-karriera taghhom peress li tilfu l-opportunita li jitilghu skala tac-civil minn 14 sa skala 11 bhala massimu.

xiv. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghed jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:
1. Tiddikjara illi l-Bord kif kompost fl-ewwel istanza kien kompost skont id-disposizzjonijiet u regolamenti dwar is-Servizz Pubbliku;
2. Tiddikjara illi r-rizultati ppubblikati nhar it-3 ta' Settembru 2015 huma validi skont ll-ligi u ghandhom ikun applikabbli u ma kien hemm ebda raguni valida ghat-thassir tieghu;
3. Tordna ghalhekk ir-rintegrrazzjoni tar-rizultati ppublikati nhar it-3 ta' Settembru 2015;
4. Tiddikjara konsegwentament nulli u bla effett il-proceduri kollha li setghu nbdew mill-Bord ta' Ghazla gdid sabiex jisma l-applikanti mill-gdid;
5. Tiddikjara illi bl-agir illegali u abuziv taghhom, l-intimati, ikkawzaw u ghadhom qed tikkawzaw danni ingenti lir-rikorrenti, inkluz telf ta' qliegh u seniority;
6. Tiddikjara lill-intimata responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;
7. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, kemm dawk attwali konsistenti f'telf ta' introjtu u qliegh u kif ukoll dawk futuri;
8. Tikkundanna lill-intimati jew lil min minnhom sabiex ihallas d-danni hekk likwidati.
9. Tikkonferma l-fuq msemmi Mandat ta' Inibizzjoni numru 147/2016/JZM.
Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 147/2016/JZM kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra li tista tispetta lir-rikorrenti, inkluz dik ghal hlas tal-paga kollha dovuta lir-rikorrenti wara illi din twaqqfet in segwitu ghall-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq msemmi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi in limine litis l-atturi ghandhom jispecifikaw taht liema artikolu tal-ligi qeghdin isejjsu l-azzjoni odjerna halli b'hekk l-esponenti jkunu f'qaghda ahjar li jwiegbu ghaliha. Fic-cirkostanzi. l-esponenti umilment jirrizervaw u jzommu shih id-dritt toghhom li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

2. Illi minghajr pregudizzju u in linea preliminari, l-Avukat Generali mhuwiex legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna u fl-umli fehma tal-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu, tenut kont tan-natura tat-talbiet, il-kawza odjerna tista' tigi diretta kontra kapijiet ta' dipartimenti ohra tal-Gvern a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin hawn jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

4. IIli l-fatti huma s-segwenti:
4.1. IIli fit-12 ta' Mejju 2015 inharget cirkolari li a bazi taghha gie mgharraf li sal-5 ta' Gunju 2015 il-Kummissarju tat-Taxxi, fil-Ministeru tal-Finanzi, kien qieghed jilqa' applikazzjonijiet minghand Ufficjali Pubblici fis-Servizz Pubbliku ta' Malta ghall-pozizzjoni ta' Debt Collector fl-ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-Ministeru tal-Finanzi. Ufficjali Pubblici fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li huma sekondati/mislufin/detailed/deployed/attached ma' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku setghu japplikaw ukoll;
4.2. IIli kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti f'punt numru 'ii.' tar-rikors mahluf in risposta, is-sejha ma hargitx ai termini tal-Klawzala 3.1.(I) tal-ftehim kollettiv vigenti. Is-sejha in kwistjoni tirreferi biss ghal din il-klawzola in kwantu 'nomenclatures importing the male gender include also the female gender';
4.3. IIli ghal din l-pozizzjoni applikaw diversi ufficjali pubblici fosthom ir-rikorrenti Clayton Tabone, Nikita Scerri, Roberto Formosa, u Sharon Debono;
4.4. Illi f'Gunju tas-sena 2015 gie rnaghzul il-Bord tal-Ghazla li kien kompost minn Maryanne Schembri, Director Debt Management, Manfred Barbara, Assistent Direttur, u Sergio Ebejer, Assistent Direttur, li Ikoll jahdmu fi hdan id-Dipartimenti tat-Taxxi. Rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi ha hsieb jinforma b'dan lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;
4.5. IIli bejn Lulju u Awwissu tas-sena 2015 saru l-intervisti u fil-12 ta' Awwissu 2015 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rcieviet ir-rapport tal-process tal-ghazla datat 11 ta' Awwissu 2015;
4.6. IIli fit-3 ta' Settembru 2015 iI-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ppubblikat ir-rizultati;
4.7. IIli skont iI-gradwatorja tal-imsemmija rizultat ir-rikorrenti Clayton Tabone gie s-sitt wiehed (6), Nikita Scerri giet is-seba' wahda (7), Roberto Formosa gie l-ewwel (1), u Sharon Debono giet it-tieni (2);
4.8. Illi fis-17 ta' Settembru 2015 wiehed mill-applikanti li mhuwiex rikorrent fil-proceduri odjerni ressaq petizzjoni dwar ir-rizultat tieghu. Meta l-Kummissjoni kienet qeghda tipprocessa din il-petizzjoni sabet illi l-Bord tal-Ghazla surriferit ma kienx mahtur skont id-direttivi u linji gwida applikabbli peress li dawn kienu jintiegu li zewg membri tal-Bord kellhom jintaghzlu minn Panel ta' Ghazla Permanenti mwaqqfa permezz tar-Regola 14 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif kienu jipprovdu f'dak iz-zmien;
4.9. Illi in vista tas-suespost, fit-2 ta' Novembru 2015 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku annullat ir-rizultat tal-ghazla skont l-artikolu 17(e)(iii) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 01) (Din ir-referenza qed issir ghad-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku applikabbli dak iz-zmien hawn annessi u mmarkati 'Dok KSP1' u cioe qabel ma gew

sostitwiti bl-Avviz Legali 332 tal-2015) u fl-4 ta' Novembru 2015 dderigiet lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi sabiex jerga' jahtar Bord tal-Ghazla diversament kompost minn ufficjal pubbliku u zewg persuni ohra maghzula mil-Panel ta' Ghazla Permanenti sabiex jintervistaw lill-applikanti ghal din is-sejha mill-gdid;
4.10. Illi effettivament il-Kummissarju tat-Taxxi hatar Bord tal-Ghazla gdid kompost minn Chairperson li prezentement iservi fis-servizz pubbliku u zewg membri ohra mill-Panel ta' Ghazla Permanenti;
4.11. IIli madanakollu l-process ta' intervisti mill-gdid ghadu ma bediex in ottemperanza mal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 147/2016JZM fl-ismijiet premessi mahrug minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Marzu 2016 kontra l-esponenti;

5. IIli mill-fatti suesposti jirrizulta li s-sejha in kwistjoni inharqet mill-Kummissarju tat-Taxxi filwaqt illi d-decizjoni tal-annullar tar-rizultat tal-ghazla sar mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku a tenur tal-Kostituzzjoni;

6. Illi kuntrarju ghal dak allegat u pretiz mir-rikorrenti, il-Bord tal-Ghazla appuntat f'Gunju 2015 ma kienx mahtur skont id-direttivi u linji gwida applikabbli peress li dawn kienu jihtiegu li zewg membri tal-Bord kellhom jintaghzlu minn Panel ta' Ghazla Permanenti mwaqqfa permezz tar-Regola 14 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk il-Kummissjoni intimata kellha d-dover u l-obbligu li tannulla r-rizultat tal-ghazla a tenur tal-artikolu 17(e)(iii) tal-imsemmija Regolamenti (L.S. Kost. 01) vigenti fiz-zmien in kwistjoni li kien jistipula illi 'Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur tad-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi direttivi u linji gwida applikabbli ... tista' tiehu tali azzjoni kif jidrilha li hu xieraq bhala rimedju inkluz ... l-annullament tar-rizultat tal-ghazla';

7. Illi jsegwi li l-Kummissjoni intimata mxiet entro l-poteri taghha a tenur tar-Regolamenti dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Kost. 01) b'mod ragonevoli, b'ekwita u haqq meta annulat r-rizultat tal-ghazla;

8. IIli ghalhekk, a tenur tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-intimata Kummissjoni mhijiex soggetta ghall-ezami minn ebda qorti fuq kwestjoni dwar jekk qdietx validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skont l-istess Kostituzzjoni;

9. IIli inoltre u minghajr pregudizzju. hemm distinzjoni netta bejn il-pubblikazzjoni tar-rizultat tal-gradwatorja u l-hatra effettiva f'dik il-pozizzjoni. Il-pubblikazzjoni tar-rizultat tal-Bord tal-Ghazla ma jsarrafx awtomatikament fl-ghoti tal-hatra kif pretiz mir-rikorrenti u wisq anqas fl-ghoti tal-hatra b'sehh minn dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi rizultat (Rik Nru 736/2014JRM, Tabib Dr Daniel Grixti Soler et vs Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku et, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' April 2015 u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 t'a Frar 2016);

10. IIli dejjem minghjar pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma huma responsabbli ghall-ebda danni;

Salv eccezzjoniiiet ulterjuri.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u thassar l-Mandat ta' Inibizzjoni

147/2016JZM fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

L-atturi kif rapprezentati mil-Union qed jilmentaw li wara li gew pubblikati r-rizultati ghal pozizzjoni ta’ debt collectors fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi fit-3 ta’ Settembru 2015 fejn l-atturi kienu fost dawk li kienu fost l-ewwel maghzula fl-istess lista, fit-12 ta’ Novembru 2015 il-Public Service Commission hassar ir-rizultati u nhatar Bord gdid biex jergghu isiru l-intervisti. Ir-raguni li nghatat kienet li l-proceduri stabbiliti fit-twaqqif tal-Bord tal-ghazla ma kienxu segwiti.

Il-fatti li irrizultaw mill-atti kienu s-segwenti. Fit-12 ta’ Mejju 2015 harget sejha ghal pozizzjoni ta’ debt collectors fl-ufficcju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi (fol. 8 tal-process). L-ingagg tal-persuna/i maghzula kien ghal zmien definit ta’ tlett snin bi perjodu ta’ prova ta’ sena. Hemm ukoll is-salarju applikabbli. Is-sejha kienet tahseb ukoll ghall-intervista minn Selection Board biex jigi determinat humiex addattati ghal pozizzjoni.

Il-Kummissarju tat-Taxxi fix-xiehda tieghu qal li d-dipartiment kellu l-htiega ta’ aktar debt collectors x’aktarx disgha u wara li s-Segretarju Permanenti ta l-approvazzjoni tieghu, inharget is-sejha. Fil-11 ta’ Gunju 2015 l-PSC giet informata bil-kompozizzjoni tas-Selection Board (fol. 168 tal-process). Fit-18 ta’ Gunju l-PSC baghtet konferma li innotat l-kompozizzjoni tal-Bord u approvat il-kriterji li fuqhom kellhom jigu mwiezna l-kandidati (fol. 165 tal-process).

Jidher li l-intervisti saru f’Awwissu 2015 (fol. 133 tal-process), ir-rizultati intbaghtu lil-PSC bil-lista tal-kandidati u l-marki rispettivi taghhom fejn jirrizulta li l-atturi kienu fost l-ewwel disgha li marru l-ahjar u fit-3 ta’ Settembru 2015 il-PSC approvat ir-rapport tas-Selection Board biex jigi pubblikat u fejn persuni li jhossu li ghandhom xi lment mir-rizultat kellhom ghaxart ijiem biex jappellaw minnu. Ghalhekk il-Kummissjoni

kienet ser tistenna dan il-perjodu jghaddi qabel ma tawtorizza li jsiru l-hatriet wara li tircievi r-rakkomandazzjoni formali tal-Kap tad-Dipartiment u n-numru ta' vakanzi hu verifikat mil-PAHRO (fol. 130 et seq. tal-process).

Jidher mil-provi li kien hemm terz, mhux parti f'din il-kawza li ghamel ilment fil-perjodu stabbilit kontra r-rizultat tal-intervisti. Fil-process u d-dokument esebiti ma jidhirx x'wassal ghal e-mail li ntbaghtet mil-PSC fis-26 ta' Settembru 2015 fejn ingibdet l-attenzjoni tal-Principal Permanent Secretary ghal laqgha tal-25 ta' Lulju 2013 rigward il-formazzjoni ta' Standing Selection Panels fil-Ministeri fejn kellhom jinhatru ufficjali pubblici irtirati u membri tal-pubbliku minn fost lista provduta lil Ministru. Zied li tali prattika giet inkluza fil-Manual on the Selection and Appointment Process under Delegated Authority. Izid li din il-prattika ma kinitx qed tigi segwita mil-Ministeri kollha inkluz il-process in kwistjoni fejn is-Selection Board kien maghmul minn tlett ufficjali pubblici bl-ebda membru maghzul minn Standing Selection Panel. Intalbet ir-reazzjoni tal-Principal Permanent Secretary fuq din il-kwistjoni qabel tiehu mizuri ohra (fol. 224 tal-process).

Il-Principal Permanent Secretary infurmat lil PSC li l-arrangament kien gie mibghut diversi drabi lil Ministeri kollha (fol. 225 tal-process).

Fit-2 ta' Ottubru 2015 intbaghtet e-mail lil Ministeru tal-Finanzi rigward ir-rakkomandazzjoni tal-Ministeru tal-24 ta' Awwissu 2015 biex jigu mahtura l-ewwel tmien applikanti li ghaddew mil-intervista ghal debt collectors. Innotat illi s-Selection Board kien maghmul minn ufficjali pubblici avolja l-prattika kienet li jigu appuntati minn Standing Selection Panel li dwarha l-Ministeri kollha kienu infurmati u li l-lista ta' membri intirati biex iservu fuq is-Selection Panels kienet giet mizjuda biex tlahhaq mal-bzonnijiet tal-Ministeri kollha. Intalbu l-kummenti tal-Ministeri qabel jittiehdu passi ulterjuri (fol. 227 tal-process).

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi irrisponda fit-28 ta' Ottubru 2015 fejn informa lil PSC li l-membri appuntati fis-Selection Board mertu tas-sejha kienu mahtura minhabba n-natura specifika u teknika tal-pozizzjoni. Imma gie nnotat li l-

prattika msemmija mil-PSC giet injorata f'dan il-kaz u s-Segretarju Permanenti asuma r-responsabilta ghall-akkadut (fol. 228 tal-process).

Ghalkemm fil-process ma hemm ebda dikjarazzjoni tal-PSC, jidher li l-process kollu gie annullat mil-istess PSC (ara fol. 229, fol 230) f'xi zmien f'Novembru 2015 biex isiru l-intervisti minn Bord gdid.

Jidher li l-process waqaf kollu minhabba mandat ta' inibizzjoni mressaq mil-atturi u milqugh mil-Qorti li wassal ghal kawza.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Maghrufa l-fatti saljenti imiss li l-fatti jitqeghdu fil-perspettiva tal-azzjoni attrici. Jibda biex jinghad illi l-attrici b'nota tal-11 ta' Mejju 2016 (fol. 33 tal-process) jsostnu li l-bazi legali ghall-azzjoni hi r-relazzjoni kontrattwali ta' impieg li tezisti bejn il-partijiet skont il-ftehim kollettiv u ligijiet pertinenti u l-bazi legali tal-azzjoni hi r-relazzjoni kontrattwali li setghet inholqot meta l-atturi ikkonkorrew ghal pozizzjoni ta' debt collectors kont ic-cirkolari 4/2015 u wara l-pubblikazzjoni tar-rizultati fit-3 ta' Settembru 2015 l-atturi kellhom legitimate expectation li kienu ser jigu appuntati debt collectors.

Kif inhu stabbilit mil-gurisprudenza b'mod kostanti hu l-att promotor kif intavolat bil-premessi u talbiet li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tezercita l-gudizzju taghha u tiddetermina l-kompetenza taghha (ara **Miriam Abela vs Julia Vella et**, App 31/01/2019 fost ghexirien ta' sentenzi ohra fl-istess sens). Ma' dan il-principju stabbilit hemm korollarju iehor cioe li l-gudikant ma ghandux jokkupa ruhu minn kwistjonijiet mhux imqajma jew mitluba bl-eccezzjoni ta' dawk ta' natura procedurali jew ex officio (ara **Joseph Attard vs Silvio Debono noe**, App 31/05/2019).

Il-konvenuti f'wahda mill-eccezzjonijiet imressqa minnhom jitolbu li l-atturi jridu jiccaraw in-natura tal-azzjoni. L-atturi rabtu l-azzjoni taghhom ma relazzjoni kontrattwali li setghet inholqot meta resqu ghall-intervisti wara s-sejha, u l-aspettativa legittima li jinghataw il-hatra wara li gew pubblikati r-rizultati fit-3 ta' Settembru 2015. Ghalkemm izidu li l-azzjoni hi wkoll bazata fuq ir-rapport kontrattwali tal-impieg li gia

ghandhom permezz tal-ftehim kollettiv u ligijiet pertinenti, din il-Qorti tqis li din l-ahhar sottomissjoni ma fiha ebda relevanza ghall-kwistjoni billi l-impieg taghhom mhux qed jigi sindikat kif mhux qed jigi sindikat il-pozizzjoni li kellhom qabel u wara li resqu ghall-intervisti in segwitu ghas-sejha.

Stabbilita n-natura tal-azzjoni attrici, l-atturi qed isostnu zewg affarijiet cioe li seta' nholoq kuntratt meta resqu ghall-intervisti u di piu kellhom aspettattiva legittima li jiehdu l-hatra meta hargu r-rizultati tal-intervisti.

Qabel jigi indirizzat jekk l-ilment tal-atturi fihx mis-sewwa l-Qorti taghmel referenza ghal kaz simili pero b'talbiet msejsa fuq l-artikolu 469 tal-Kap. 12 fejn il-Qorti tal-Prim Istanza f'dak il-kaz (**Dr Daniel Grixti Soler et vs Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku et**, App 12/02/2016) qalet hekk:

> Illi l-atturi jorbtu l-imsemmija ilmenti taghhom mar-Regolamenti talKummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku [A.L. 32 tal-1960 (kif emendat) (L.S. Kost. 01)] u kemm hu hekk l-imsemmija lmenti jingabru fil-qofol kollu taghhom fit-tielet talba attrici li trid li l-KSP titqies li mxiet bi ksur tal-istess Regolamenti;
>
> Illi l-imsemmija Regolamenti jharsu l-imgieba, il-proceduri mnedija u s-setghat tal-KSP u, fejn ikun il-kaz, ta' dawk il-persuni jew korpi minnha delegati. Fis-sewwa huma gabra ta' dispozizzjonijiet b'sahha ta' ligi li jridu jinqraw mas-setghat u funzjonijiet tal-KSP kif imfissra fil-Kapitolu X (artt. 109 sa 115) u l-artikolu 121(1) tal-Kostituzzjoni u jitqiesu haga wahda maghhom;
>
> Illi ghal dak li jirrigwarda l-hatriet u promozzjonijiet ta' ufficjali pubblici ghal postijiet fis-servizz pubbliku, l-imsemmija Regolamenti jaghtu lill-KSP firxa ta' setghat biex bihom iharsu l-processi ta' ghazla ghal ufficjali bhal dawn jew persuni li, bhall-atturi fil-kawza tallum, iridu jidhlu fis-servizz pubbliku. Wahda mid-dispozizzjonijiet tal-imsemmija Regolamenti u li l-Qorti jidhrilha li tghodd hafna ghall-kaz li ghandha quddiemha tghid li: "Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur taddispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi direttivi u linji gwida applikabbli, jew fejn il-Kummissjoni ssib li process tal-ghazla ma sarx skont il-principju tal-mertu, tista' tiehu tali azzjoni kif jidhrilha li hu xieraq bhala rimedju, inkluz: (i) is-sospensjoni jew terminazzjoni ta' process talghazla; (ii) l-ikkancellar ta' sejha ghall-applikazzjonijiet, u l-pubblikazzjoni sussegwenti ta' sejha riveduta b'dawk l-emendi li l-Kummissjoni tista' tiddeciedi; (iii) l-annullament ta' rizultat tal-ghazla; (iv) il-hrug ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru ghar-revoka ta' hatra, suggett ghar-regolament 23(2), u (v) il-hrug ta' rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru jew lil awtoritajiet ohra kif xieraq, biex jittiehdu passi dixxiplinari jew kriminali kif jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi (Reg. 17(e) tal-A.L. 32 tal-1960);
> …

> Illi minn qari tad-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti l-Qorti tislet il-fehmiet li gejjin. Fl-ewwel lok, il-KSP ghandha diskrezzjoni jekk taghzilx li tiehu xi wahda mill-mizuri msemmija fir-Regolamenti jew f'liema grad. Fit-tieni lok, it-thassir ta' rizultat ippubblikat jew it-twaqqif jew it-thassir ta' process ta' ghazla huma fost il-mizuri li r-Regolamenti jaghtu lill-KSP s-setgha li tordna jew tiehu u dan tista' taghmlu minn jeddha bla ma jkollha xi lment formali minn xi hadd jew f'xi zmien partikolari. Fit-tielet lok, ir-ragunijiet stabiliti mir-Regolamenti li minhabba fihom jew minhabba xi wahda minnhom tista' tiehu l-imsemmija mizuri, huma (a) il-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-istess Regolamenti, jew (b) il-ksur ta' direttivi jew linji gwida dwar is-settur jew (c) il-ksur tal-principju tal-mertu. Fir-raba' lok, il-mizuri msemmija fir-Regolament 17(e) u li l-KSP tista' tiehu ma humiex tassattivi u l-KSP tista' taghzel li tiehu mizuri ohrajn (minhabba f'hekk li r-Regolament juza l-kelma "inkluz"). Fil-hames lok, jidher car li hemm distinzjoni fir-Regolamenti nfushom bejn l-istadju tal-process ta' ghazla meta jinhareg ir-rizultat u l-istadju fejn il-persuna maghzula tinghata lhatra: li kieku ma kienx hekk, id-dispozizzjonijiet tar-Regolament 17 u dawk tar-Regolament 23 kienu jkunu jitkellmu dwar l-istess haga, li jidher car li mhuwiex il-kaz (Ara wkoll Public Service Management Code § 1.1.10.1 u 2). Ghalhekk, fis-sitt lok, il-fatt li applikant ikun gab rizultat tajjeb jew pozittiv meta jinhareg ir-rizultat pubblikat ma jissarrafx awtomatikament fl-ghoti tal-hatra ta' ufficjal pubbliku, u wisq anqas fl-ghoti tal-hatra b'sehh minn dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi rizultat;

Fl-appell il-Qorti ghamlitha cara li:

> Din id-distinzjoni bejn iz-zewg stadji tohrog mir-Regolamenti stess, in kwantu regolament (Citat fis-sentenza appellate) numru 17(e) jaghti espressis verbis il-fakolta lill-KSP sabiex din tannulla rizultat tal-ghazla, filwaqt li rregolament numru 23[2] jikkontempla l-kazijiet fejn il-KSP tista' tirrakkomanda r-revoka ta' hatra. Inoltre, l-istess regolament 17 fil-paragrafi [iii] u [iv] jaghmel din id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg stadji tal-process: l-ewwel stadju huwa dak ta' qabel il-hatra izda wara il-hrug tar-rizultat tal-ghazla, filwaqt li t-tieni stadju huwa dak ta' wara il-hatra. Ghall-ewwel huwa applikabbli l-paragrafu [iii] filwaqt li ghat-tieni huma applikabbli l-paragrafu [iv] tal-istess regolament kif ukoll ir-regolament numru 23[2] citat mill-konvenuti.

Inoltre ziedet hekk:

> Dan kollu juri li ghal kuntrarju ta' dak sottomess mill-atturi, il-pubblikazzjoni tar-rizultati u lhatra tat-tobba maghzulin huma zewg stadji differenti tal-istess process li jintemm jew bil-hatra jew bl-applikazzjoni tar-regolament 17 [e] [iii]. Il-pubblikazzjoni tar-rizultat tal-gradwatorja ma jaghtix jedd awtomatiku ghall-hatra ta' General Practioner Trainees, wisq inqas johloq xi rabta kwazi-kuntrattwali bejn l-atturi u l-konvenuti kif qeghdin jippretendu latturi. Tassew li post gholi fil-gradwatorja jista' jkun indikattiv ta' hatra eventwali, izda ghandu jkun car li ma jfissirx li awtomatikament wiehed ikun inghata l-hatra ta' ufficjal pubbliku mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rizultat.

Dawn is-siltiet jirrispondu ghall-ilment tal-atturi. Huma mhumiex jattakkaw id-decizjoni tal-PSC fuq il-fondatezza legali taghha fl-ambitu amministrattiv izda qed isostnu li s-sejha kienet xi forma ta' relazzjoni pre kontrattwali mid-dipartiment li hareg is-sejha. Dan ma jsib ebda sostenn fil-ligi u lanqas fis-sejha stess fejn ma hemm imnizzel ebda obbligu li l-Kummissarju tat-Taxxi li l-applikanti li jikklassifikaw tajjeb bilfors kienu ser jidhlu f'kuntratt mad-Dipartiment. Sejha hu invit ghal partecipazzjoni f'ezami jew intervista u l-fatt li issir sejha ma jaghti ebda dritt lil parti hlief dak li johrog mis-sejha cioe l-eligibilita tieghu li jersaq ghall-ezami jew intervista. Anki jekk jissottometti ruhu ghall-intervista ma tinbitx xi relazzjoni kontrattwali jew pre kontrattwali mad-dipartiment. Ir-relazzjoni kontrattwali li tezisti hu l-impieg jew pozizzjoni li gia ghandu l-applikant li jirrendih eligibbli (flimkien ma' kondizzjonijiet ohra) li bl-ebda mod ma hu mittiefes mill-intervista wara s-sejha. Din mhix xi relazzjoni kummercjali fejn awtorita tohrog sejha ghal tenders b'kondizzjonijiet fosthom l-ghoti ta' garanzija kif kienet il-kwistjoni fil-kawza **Dr Peter Fenech noe vs Dipartiment tal-Kuntratti** (App 29/04/2016) fejn gie stabbilit il-kuncett ta' danni pre kontrattwali minhabba n-natura li nibtet bl-espressjoni ta' interess jew talba ghal offerti, u li parti ma setghetx tinjora l-offerta jekk mhux ghal raguni valida u b'hekk gie krejat obligazzjoni tacita bejn il-partijiet. Ir-relazzjoni hawn hi diffrerenti. Il-kaz quddiem il-Qorti mhix wahda tendenti ghal relazzjoni kummercjali li setghet nibtet kif kien il-kaz Germaniz ta' Linoleumfall (1911) li fuqu strahet is-sentenza fuq citata izda wahda fl-ambitu ta' impjieg fl-amministrazzjoni pubblika, fejn ma hemmx relazzjoni ta' negozjar ta' kuntratt u obbligazzjonijiet reciproki f'dak l-istadju.

Bl-istess mod ghalkemm l-atturi jghidu li r-rizultat tal-intervista tat aspettativa lil attrici li jistghu jigu mahtura fil-pozizzjoni li ghaliha applikaw ghandu jinghad li din l-aspettativa kienet wahda prematura u indefinita billi hemm it-terminu tal-appell u r-rizultat tal-ezami ma hux garanzija tal-hatra ghax il-process u/jew ir-rizultat jista' jigi attakkat u di piu kif intqal aktar il-fuq il-PSC ghandha dritt li twaqqaf u thassar il-process ghal ragunijiet li l-istess ligi issemmi.

Ghalkemm l-atturi fil-hdax u tnax il-premessa taghhom jatttakkaw ir-raguni ghaliex il-PSC hassret il-process, dan iwassal ghal azzjoni dwar nuqqas f'ghemil amministrattiv li pero mhix l-iskop ta' din il-kawza billi l-atturi ghamluha cara illi l-bazi

tal-azzjoni hi wahda fl-isfera kontrattwali. Ilmenti u azzjonijiet kontra awtoritajiet governattivi marbuta mar-responsabiltajiet taghhom dejjem tqisu bhala ghemil amministrattiv mhux ghemil kontrattwali jew delitwali (aa **Ragonesi & Company Limited pen vs Korporazzjoni Enemalta** et, App 24/11/2017 bhala ezempju minn diversi). Billi fil-fehma tal-Qorti din it-triq maghzula ma ghandhiex mis-sewwa, ma hemmx raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tidhol fil-mertu tad-decizjoni tal-PSC billi mhix pertinenti ghan-natura tal-azzjoni mressqa u d-danni mitluba konsegwenza tan-nuqqas kontrattwali jew pre kontrattwali tal-konvenuti.

Ghal kompletezza l-Qorti tqis li l-konvenuti ghandhom ragun li l-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur billi t-talba attrici u r-rimedji huma indirizzati fil-konfront tad-dipartiment governattiv cioe l-Kummissarju tat-Taxxi Interni li hareg is-sejha u l-PSC li wkoll kien citat fil-mertu tal-azzjoni (art. 181B Kap. 12).

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li mhux legittimu kontradittur f'din l-azzjoni u tichad it-talbiet attrici ghax infondati fil-ligi. Spejjez ghall-atturi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur